# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2016**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 2263/1999/3/LSO**

**Reverendu Dun Karm Busuttil**

**vs**

**Joseph u Mary Grace konjugi Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-Reverendu Dun Karm Busuttil datat 14 ta’ Jannar 2016 fejn espona: -

Illi permezz ta’ sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 7 ta' Lulju 2010 fl-ismijiet ir-Reverendu Dun Karm Busuttil vs Joseph u Mary Grace konjugi Zammit (2263/99AL), u li minnha ma kien gie interpost ebda appell, din l-Onorabbli Qorti, iddecidiet illi l-intimati Zammit kellhom ihallsu l-ammont ta' disghin elf u disa’ mija u sebgha u ghoxrin ewro u disa' centezmi ghar-rigward ta' ekkwiparazzjoni tal-profitt, u ddikjarat fir-rigward tal-proprjeta` mhux mibjugha illi l-*garages* u l-hwienet jigu divizi f’ zewg ishma ndaqs bejn il-partijiet;

Illi fl-istess sentenza kienu nhatru nutar ghall-pubblikazzjoni ta' l-att mehtieg ghad-divizzjoni kif ukoll kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Illi l-intimati minkejja illi kienu debitament interpellati sabiex jersqu ghad-divizzjoni baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jersqu ghall-att pubbliku ta' divizjoni il-kuraturi Dr Noel Bartolo u l-PL Joanna Dingli;

Illi n-Nutara Dr Christine Abela illi kienet mahtura minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tippubblika l-att ta' divizjoni kienet intavolat rikors sabiex tigi sostitwita. Din l-Onorabbli Qorti kienet laqghethilha t-talba, u hatret minflokha lin-Nutar Dr Elena Farrugia sabiex tippubblika l-att;

Illi minkejja illi ghaddew kwazi hames snin mid-data tas-sentenza, il-kuntratt ta' divizjoni ghadu ma giex pubblikat;

Illi fil-fatt, kien hemm ipoteka fil-konfront tal-konjugi Zammit, u liema ipoteka kienet tolqot il-proprjeta` illi kellha tigi diviza bejn l-esponenti u l-konjugi Zammit, u kien hemm perjodu fejn kien hemm impossibilita` illi jigi ppubblikat il-kuntratt ta' divizjoni, pero` din l-impossibilita` kienet giet sorvolata permezz ta' kuntratt pubbliku datat 20 ta' Gunju 2014, bejn l-esponenti u Leonard Zerafa, il-kreditur ipotekarju tal-konjugi Zammit, u dana *stante* illi l-esponenti hallas id-debitu, saret surroga, u issa gie l-esponenti kreditur ipotekarju tal-konjugi Zammit;

Wara din id-data l-esponenti ghadda r-ricerki kollha lin-Nutara Farrugia, u fil-fatt, in-Nutar Dr Elena Farrugia ghamlet ricerki gewwa r-Registru ta' l-Artijiet;

Illi sabiex jigi ppubblikat il-kuntratt ta' assenjazzjoni tal-proprjeta` lill-esponenti jehtieg direzzjoni rigward is-segwenti punti:

Illi l-PL Joanna Dingli ghaddiet ghal hajja ohra madwar xahar ilu;

Illi minn ricerki mal-Kummissarju tat-Taxxa, it-taxxa finali fuq il-kuntratt finali ta' assenjazzjoni tal-proprjetajiet lill-esponenti dovuta mill-intimati Zammit ghandha tkun ta' tnax-il elf ewro u tliet mija u sitta u erbghin centezmu (€12,346). Illi peress illi l-konjugi Zammit baqghu

kontumaci u l-kuntratt ghandu jsir bil-kuraturi, dawn it-taxxi ghandu jinkorriehom provvizorjament l-esponenti;

Illi l-ispejjez tal-kuraturi, *stante* kontumacja tal-konjugi Zammit jammontaw ghal elfejn tliet mija u sitta u erbghin ewro ta' l-Avukat u seba' mija u tnejn u tmenin ewro tal-Prokuratur Legali;

Illi l-esponenti diga` kkonduca ricerki dwar il-konjugi Zammit personalment, u ghalhekk in-Nutara ghandha tigi ezentata mir-ricerki;

Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tappunta data, lok u hin sabiex jigi ppubblikat l-imsemmi kuntratt sabiex l-esponenti jigi assenjat nofs il-proprjeta` mertu tas-sentenza ghall-kawza fl-ismijiet Reverendu Dun Karm Busuttil vs Joseph Zammit et;

Ghaldaqstant, u *in vista* tas-suespost, l-esponenti jitlob umilment, li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tahtar Prokuratur legali bhala kuratur deputat u dan sabiex tigi sostitwita I-PL Joanna Dingli;

2. Tordna illi t-taxxa, kif ukoll spejjez ta' kuraturi deputati li ser ikun kostrett ihallas l-esponenti *stante* kontumacja tal-konjugi Zammit, tigi rifuza lill-esponenti mill-konjugi Zammit sussegwentment ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt;

3. Tezenta lin-Nutar Dr Elena Farrugia milli tikkonduci ricerki fir-Registru Pubbliku tal-konjugi Zammit *stante* illi dawn diga` gew kondotti personalment mill-esponenti;

4. Tordna data, hin u lok illi fih ghandu jigi ppubblikat il-kuntratt fejn l-esponenti jigi assenjat nofs il-proprjeta` illi prezentement tidher fuq il-konjugi Zammit, u dana *ai termini* tas-sentenza su citata.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Frar 2016.

Rat illi minkejja li l-intimati gew notifikati bir-rikors u bl-avviz tas-smigh fit-18 ta' Marzu 2016 kif jidher *a tergo* ta' fol 49 tal-process, baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 19 ta' April 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr Louise Anne Pulis. L-intimati msejhin tliet darbiet ma dehrux. Billi l-intimati kienu notifikati izda ma pprezentawx risposta guramentata il-Qorti iddikjarathom kontumaci. Dr Pulis iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri u talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Mejju 2016 fid-9:30a.m. b'dan li l-intimati kellhom erbatax (14) -il jum minn dan id-digriet biex jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet taghhom bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li kellhom erbatax (14) -il jum ghat-twegiba.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta’ din il-kawza r-rikorrent qed jitlob li jigi ppubblikat kuntratt ta' divizjoni sabiex ir-rikorrent jigi assenjat sehem ta' nofs il-proprjeta`, illi prezentament tidher f'isem il-konjugi Zammit, u dan skont sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet “Reverendu Dun Karm Busuttil vs Joseph u Mary Grace konjugi Zammit” (2263/99) deciza fis-7 ta’ Lulju 2010. Din is-sentenza ghaddiet in gudikat.

Illi l-intimati, debitament notifikati skond il-procedura tal-affissjoni, naqsu li jipprezentaw ir-risposta u ghalhekk huma kontumaci skont il-ligi.

Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm l-intimati huma kontumaci, dan ma jfissirx li r-rikorrent m’ghandux jipprova l-kaz tieghu. *“Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni.”* **(“Charles Saliba s Salvu Borg” -** Appell 27-6-1997) u “*skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f’certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*.” (**“Ruth Apap vs Noel Apap”** – PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA AF 15-1-2014).

Jibqa’ dejjem jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li t-talba tieghu hi gustifikata fil-fatt u fid-dritt. F’din il-kawza, l-oneru tal-prova gie sodisfatt permezz tad-dokumenti esebiti fl-atti.

Illi s-sentenza bin-numru (2263/99) moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, tinsab esebita fol 7 – 43 tal-process. Permezz ta' din is-sentenza, gie dikjarat li l-intimati konjugi Zammit kellhom ihallsu l-ammont ta' disghin elf, disa' mija u sebgha u ghoxrin ewro u disa' centezmi (Ewro90,927.09) ghar-rigward ta' ekwiparazzjoni tal-profitt, u gie dikjarat ukoll li l-proprjeta` mhix mibjugha, konsistenti f'garaxxijiet u hwienet mhux mibjugha, meta ssir id-divizjoni kull parti tispettalu is-somma ta' €123,457.79. Fir-rigward tal-proprjeta` li ghadha indiviza, l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-att bil-hatra ta' kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci sabiex tkun tista' ssir l-assenjazzjoni tal-proprjeta`.

Jirrizulta wkoll minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rossella Soler datat 20 ta' Gunju 2014, esebit a fol 3 sa 6 li permezz ta' surroga, ir-rikorrent sar kreditur ipotekaru tal-intimati konjugi Zammit minflok Leonard Zerafa, li kien il-kreditur ipotekarju precedenti fuq il-proprjeta` li kellha tigi diviza skont is-sentenza surreferita.

Ikkonsidrat li m'hemm l-ebda impediment jew ostakolu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Fil-kontumacja tal-intimati, u fl-inadempjenza taghhom milli jirrispondu ghat-talbiet tar-rikorrent, u fid-dawl tas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fis-7 ta' Lulju 2010, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, fis-sens li tordna l-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Illi l-kuntratt irid ikun jirrifletti dak ordnat fis-sentenza bin-numru 2263/99 esebita a fol 7 sa 43.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenuti :

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent billi tahtar lill-PL Edgar Montanaro biex jissostitwixxi lill-PL Joanna Dingli biex jagixxi bhal kuratur flimkien ma' Dr. Noel Bartolo bhala kuraturi in rapprezentanza tal-eventwali kontumaci.

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tordna li t-taxxa, kif ukoll l-ispejjez tal-kuraturi deputati, li ser ihallas provizorjament ir-rikorrent *stante* l-kontumacja tal-konjugi Zammit, tigi rifuza mill-konjugi Zammit sussegwentement ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tezenta lin-Nutar Dottor Elena Farrugia milli tikkonduci ricerki fir-Registru Pubbliku tal-konjugi Zammit.

4. Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrent, u tiffissa nhar it-Tlieta 21 ta' Gunju 2016 f'nofsinhar bhala data ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ta' divizjoni u assenjazzjoni favur ir-rikorrenti kollox *ai termini* tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Lulju 2010 fl-ismijiet **"Ir-Reverendu Dun Karm Busuttil v Joseph u Mary Grace konjugi Zammit"** - (Cit 2263/99AL).

**L-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**24 ta' Mejju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Mejju 2016**